MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 491/2012

**Volksbank Malta Limited**

**Vs**

**Dr Patrick Valentino u P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati ghan-nom tal-assenti Christopher Montgomery Eyton u martu Stephanie Alexandra Eyton**.

Permezz ta’ rikors prezentat fis-16 ta’ Mejju 2012 il-bank rikorrenti qieghed jitlob li jerga’ jigi rez ezegwibbli l-kuntratt ta’ self pubblikat fl-atti tan-nutar Dr Christine Abela fl-4 ta’ Awwissu 2006, u li permezz tieghu l-intimati nghataw self ta’ erbgha mija u hmistax-il elf liri Maltin (Lm415,000).

Il-kuraturi wiegbu li m'humiex edotti mill-fatti. Fis-seduta tal-lum l-avukat Dr Valentino pprezenta kopja tal-korrispondenza li baghat lill-konjugi Eyton. Ghalkemm jidher li sar kuntatt mal-kuratur, ma rrizultax li nghata taghrif a bazi ta' liema jista' jressaq xi eccezzjonijiet.

Wara li rat l-atti l-qorti tqies li t-talba tar-rikorrenti hi gustifikata.

**Ghaldaqtant, tilqa' t-talba u terga' tirrendi ezegwibbli l-kuntratt tal-4 ta' Awwissu 2006 pubblikat min-nutar Dr Christine Abela, li sar bejn il-bank rikorrenti u l-intimati. Spejjez a karigu tal-intimati, b'dan li d-dritt tal-kuraturi jithallas provizorjament mir-rikorrenti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------